MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' April, 2008

Avviz Numru. 2200/1998/1

**Godwin Tabone**

**Vs**

**Chris Fardell, Mario Saliba u Josianne La Corte**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandiex, din il-Qorti:-

1. tiddikjarahom, jew min minnhom, responsabbli ghall-kollizjoni tad-19 ta' April 1997 gewwa Triq l-President Anton Buttigieg, iz-Zejtun bejn il-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni O-3195, A-1248 u AAM-553 misjuqa mill-konvenuti u l-vettura, bin-numru ta' registrazzjoni E-6931, proprjeta' ta' Gordin Tabone, illi fil-mument tal-incident kienet tinsab ipparkjata fit-Triq il-

President Anton Buttigieg, ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess attur;
2. tillikwida dawn id-danni residwali fis-somma ta' tlett mija u seba' Liri Maltin u hamsa u sittin centezmi (Lm307.65), skond skeda annessa mal-avviz "Dok A" jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Qorti bl-opera ta' periti u esperti nominandi;
3. tikkundannahom, jew min minnhom, ihallsu lill-attur, is-somma ta' tlett mija u seba' Liri Maltin u hamsa u sittin centezmi (Lm307.65) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Qorti, rapprezentanti d-danni minnhom kkawzati.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legli mid-data tan-notifika ta' l-avviz. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll l-anness dokument market Dok A a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Josianne La Corte (fol 20 ibid) u li biha eccepixxiet bir-rispett:-

1. L-ewwel talba tal-attur kif dedotta kontra l-eccipjenti ghandha tkun respinta stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjenti izda gara htija ta' Mario Magro konducent tal-vettura Nru. T-9546 kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. It-tieni talba tal-attur ghandha tkun michuda billi fejn jirrigwarda l-eccipjenti ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur.
3. It-Tielet talba tal-attur ghandha tkun rigettata billi ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent ghall-hlas ta' danni pretizi mill-attur.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Chris Fardell (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjenti ma ghandu ebda responsabilta ghall-incident meritu tal-avviz, li gara tort ta' haddiehor involut fil-kollizjoni, li kien imprudenti u negligenti fis-sewqan u naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku.

Ghalhekk l–eccipjent ghandu jigi liberat bl-ispejjez kontra l-attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-kapitolu presentat mill-attur ghas-subizzjoni tal-konvenut. Mario Saliba (fol 7 ibid kif ukoll il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ottubru 1999 (fol 11 ibid) minn fejn jidher illi dan il-konvenut "imsejjah tlett darbiet ma deherx".

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-incident in esami kien gie investigat minn PS 249 Angelo Curmi (fol 31 u fol 69 et seq ibid) li, waqt ix-xhieda tieghu esebixxa kopja tar-rapport u tal-iskizz mhux skalat redatti minnu. Mir-rapport redatt jidher li dan l-incident gara' fi Triq il-President Anton Buttigieg fiz-Zejtun u, fih, kienu jew gew involuti hames vetturi cjoe "truck" numru O-3195 misjuq minn Mario Saliba, "van" numru AAM 553 misjuq minn Josianne La Corte, "van" numru A 1248 misjuq minn Chris Fardell u karozzi bin-numri E6931 u U 6530 li kienu parkeggjat fl-istess post. Fl-istess dokument hemm verbalizzat illi Josianne La Corte allegat "… li giet imfixxkla fis-sewqan minn karozza mhux maghrufa u li harget minn go garaxx. La Corte gibdet lejn il-lemin u habtet ma' truck 0 3195 li kien gej mid-direzzjoni opposta. Wara hi habtet ukoll ma karozza A 1248 li kienet gejja wara t-'truck' ". Din l-ahhar karozza bid-daqqa "… tilfet il-kontroll u marret fuq il-lemin …" u laqtet iz-zewg karozzi hawn fuq imsemmija u li kienu parkeggjati (dwar dan kollu ara ukoll l-imsemmi skizz a fol 34 ibid). Ix-xhud kompla billi spjega illi ma setax jirrintraccja la l-"garage" la l-karozza li ssemmew minn Josianne La Corte. Difatti din il-konvenuta kienet qalet lix-xhud "… li l-garage kien x'imkien hemmhekk", fejn hemm difersi "garages". Hu semma ukoll illi l-unika persuna li semmiet din il-karozza hierga minn "garage" kienet il-konvenuta. Inoltre din ma

indikatlu l-ebda kulur jew marka tal-karozza, msemmija minnha. Ix-xhud spicca billi qal li hu kien tkellem ma' persuna li setghet kienet qed issuq din il-karozza mhix identifikata izda "… dan cahad, kategorikament, li kien hu".

Ikkunsidrat

Illi, a fol 13 sa fol 16 tal-atti jinsabu zewg "affidavits" sottomessi mill-attur u martu, Carmen Tabone. Minn din ix-xhieda, jirrisulta illi kemm l-attur kemm martu kienu gewwa fid-dar residenzjali taghhom u dan ghall-habta tas-2pm tal-gurnata in kwistjoni meta t-tnejn semghu hoss kbir ta' habta. Meta l-attur hareg sabiex jittawwal kien ra illi karozza tal-marka "Ford Escort" numru A 1246 misjuqa mill-konvenut Chris Fardell kienet habtet fil-karozza tieghu tal-marka "Fiat 128" numru E 6931 waqt li din kienet parkeggjata quddiem ir-residenza tal-istess attur. In rigward il-vettura misjuqa minn dan il-konvenut kien jidher li dan "… baqa' diehel bejn il-vettura propjeta tieghu u … ohra li kienet ipparkjata warajja" numru U 6530. Sussegwentement il-vettura misjuqa minn dan il-konvenut dahlet f'"plot" vojt …". Meta tkellem, dejjem ma' dan il-konvenut , dan kien qallu li ma kellux htija ghal dan l-incident u li dan gie kagunat minn Josianne La Corte, il-konvenuta li di gja ssemmiet.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut Chris Fardell xehed ukoll permezz ta' "affidavit" (fol 39 u fol 42 ibid) u, fih, sostna illi hu kien qed jsuq fit-triq hawn fuq imsemmija wara "truck". Minn faccata, kienet qed tinsaq vettura ohra, dik tal-konvenuta, gejja mid-direzzjoni opposta. Din tal-ahhar, habtet l-ewwel mal-imsemmi 'truck' u imbaghad gol-vettura tieghu. Bhala konsegwenza minhabba li qala daqqa kbira il-vettura misjuqa minnu habtet ukoll ma zewg vetturi parkeggati fosthom dik tal-attur. In rigward il-vettura tal-konvenuta, hu sostna illi minhabba li kienet qed tinsaq b'velocita qawwija u eccessiva, din habtet, ukoll, ma' vettura ohra "biex imbaghad waqfet"… "ftit il-boghod minn fejn kont jien".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta, ukoll permezz ta' "affidavit" (fol 51 u fol 54 ibid) sostniet li kienet qed issuq fuq ix-xellug tat-triq, b'velocita ta' madwar hamsin kilometru fis-siegha (50km). Minn go "basement garage" fuq ix-xellug taghha, harget vettura "Vauxhall mill-antiki ta' kulur ahmar/maroon" b'tali mod li meta din il-karozza harget lejn nofs it-triq, l-istess karozza "… imblokkat il-passagg tal-vettura tieghi" difatti "Sibtha quddiemi meta jien kont boghod minnha tul ta' xi tliet karozzi". Peress li nhasdet, hi gibdet lejn il-lemin, tilfet il-kontroll tal-vettura misjuqa minnha u saqet "distanza twila" sakemm habtet ma "truck" "… genb ma genb". Skond hi, dik il-vettura tal-marka "Vauxhall" ma waqfitx anzi baqghet sejra l'hemm. Dwar din hi kienet informat lill-Pulizija, fuq il-post, bil-kulur taghha izda peress li kienet mifxula ma kienitx, dak il-hin, informata bl-ghamla taghha. Pero, fil-ghaxija stess, hi kienet irritornat fuq il-post tal-incident u "… parkjata barra l-'garage' in kwistjoni ergajt rajt il-Vauxhall, hadt in-numru … u l-isem tas-sid u l-indirizz" cjoe certu Mario Magro. Din l-informazzjoni kollha nghatat minnha lill-Pulizija fl-ghassa taz-Zejtun. Hi sostniet, fl-ahhar tal-affidavat illi s-sewwieqa tal-vetturi l-ohrajn inovluti ma setghux raw il-vettura li fixklitha "… fil-mumet tal-ostakolu" peress li kien hemm distanza twila "… tant li fejn sfat ostakolata, it-trakk ma kienx ghadu jidher" (Dwar dak li xehedet il-konvenuta in rigward l-informazzjoni li, skond hi nghatat lill-Pulizija ara fol 70 ibid).

Illi jigi notat, dwar l-istess informazzjoni migbura mill-konvenuta illi Jose Abela (fol 88 ibid) xehed illi l-vettura numru T 9456, filfatt, kienet tal-marka "Ford Fiesta", ta' kulur tal-avorju u kienet registrata fuq certu Carmel Zahra mill-Mqabba, fid-data tal-incident (Ara ,ukoll dak li, xehed Joseph Mula a fol 94 u fol 95 ibid u l-"claim form" esebita a fol 77 specjalment fol 78 "a tergo").

Ikkunsidrat

Illi, meta gie prodott, Mario Magro (fol 96 et seq ibid) dan ikkonferma illi, filfatt, kien jirrisjedi fit-triq in kwistjoni u li “Kien hemm xi zmien meta jiena kelli Vauxhall Viva pero ma niftakarx in-numru taghha” liema vettura kienet ta’ kulur ahmar. Hu sostna li meta gara l-incident kien jinsab f’Birzebbugja u kien gie nformat bl-incident in esami ghall-habta tal-5.30pm minn hutu li jirrisjedu fl-istess triq u martu , liema incident kien gara “… tnax-il bieb il-boghod minn fejn noqghod jiena”:. Fl-istess xhieda hu semma li kien minnu li kellu “garage” izda dan hu fil-livell tat-triq. Inoltre kien telaq mid-dar tieghi ghall-habta tas-6am u wara li telaq mill-fabbrika fejn jahdem, ghall-habta ta’ 10:30 kien mar f’”garage” ta’ habib tieghu, Brian Sammut, u li jinsab f’Birzebbugia. Sussegwentement kien mar lura fid-dar tieghu ghall-habta tal-5:30pm. Jigi notat illi hu sema’ illi huh, Joseph, kien involut f’dan l-incident billi qal “… peress li kien hemm il-karozzi gja mahbutin fin-nofs meta hija kien ghaddej u habat f’dik ta’ quddiemu” (ara ukoll ix-xhieda ta’ Brian Sammut a fol 105 ibid kif ukoll zewg “affidavits” a fol 99 u fol 100 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi kif esposti, l-istess Qorti tara li:-

a. Dwar il-konvenut Mario Saliba, hu minnu li dan il-konvenut, kif di gja premess, baqa’ kontumaci anke wara l-presentata ta’ kapitolu ghas-subizzjoni tieghu. Pero jigi rilevat illi dan ma jfissirx illi dan il-konvenut ammetta t-talbiet attrici izda li ma kienx qed jikkontesthom. Dan premess, mill-provi bl-ebda mod ma jista’ jigi konkus illi hu kien responsabbli ghal dan l-incident. Difatti, mill-istess skizz, jidher li t-“truck” misjuq minn Mario Saliba kien fuq “the proper side of the road”, fatt evidenzjat kemm mill-marki ta’ ‘brakes’ dritti u l-posizzjoni ta’ dawn kif ukoll mill-hsarat li garab fuq l-istaffa tal-gabina fil-lemin.

b. Dwar il-konvenut Chris Fardell, dan kien qed jsuq immedjatament wara t-‘truck’ hawn fuq imsemmi. Il-karozza misjuqa minnu qalet daqqa kbira, bil-konsegwenzi kif hemm fuq deskritti. Mill-provi, ma irrisulta l-ebda fatt anke cirkostanzjali li, a bazi tieghu, seta’ gie,

konklus li dan il-konvenut kien b'xi mod responsabbli ghal dan l-incident.

c. In rigward il-konvenuta din xehdet "ex admisses" illi kellha, ghar-raguni indikata fix-xhieda taghha tigbed lejn il-lemin taghha u minhabba hekk habtet kemm mat-truck kemm mal-karozzi misjuqin mill-konvenuti l-ohra. Hi pprovat tiggustifka tali manuvra u t-telfien tal-kontroll tal-vettura misjuqa minnha billi qalet illi harget, ghall-gharrieda, karrozza ohra minn "garage' taht il-livell tat-triq u hasditha. Dwar dan il-Qorti tixtieq tirrileva illi ghandu jkun hemm dubbju gravi dwar il-versjoni tal-fatti moghtija minn din il-konvenuta. Tali dubbju jirrisulta mill-fatt illi l-istess konvenuta ma setghetx tindika lill-puliizja li investiga dan il-kaz minn liema "garage' din il-vettura kienet harget. Inoltre dwar l-istess vettura, l-konvenuta kienet xehdet illi, filghaxija stess, kienet marret fuq il-post tal-incident u kienet ratha u indikat numru ta' registrazzjoni u marka ta' vettura, liema informazzjoni kienet inghatat minnha lill-Pulizija. Pero dan, bl-ebda mod, ma gie konfermat mill-istess pulizija, PS 249 Angelo Curmi. Dwar l-istess punt, ghandu ukoll jigi notat dak li xehdu Mario Magro kif ukoll Jose Abela, kif hawn fuq riportat.

Illi l-istess konvenuta xehdet illi kien hemm distanza twila bejn fejn, skond hi, giet mhassda u ostakolata minn din il-vettura u l-post fejn habtet mat-"truck" misjuq minn Mario Saliba. Mill-provi ma irrisulta l-ebda gustifikazzjoni gew spjegazzjoni ghaliex l-konvenuta ghall-istess distanza, kompliet issuq, mid-dehra, bil-vettura taghha almenu "inparte" fuq in-naha hazina tat-triq. Difatti jidher li kellha l-opportunita sabiex terga lura totalment "on the proper side of the road" oltre li tirralenta l-velocita taghha jew tieqaf ghal kollox. Dan juri nuqqas ta' perizja fis-sewqan da parti taghha u ghalhekk ghandha tigi akkollata r-responsabilita' ta' dan l-incident.

Ikkunsidrat

Illi l-'quantum' ta' danni kif mitlub ma' jidhirx li gie kontestat b'xi prova kontrarji u bl-ebda mod ma jidher li dak mitlub hu esagerat.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tichad it-talbiet attrici fil-konfront ta’ Chris Fardell u Mario Saliba, tilqa’ l-istess talbiet fil-konfront tal-konvenut Josianne La Corte u (1) tiddikjara lill-istess konvenuta bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami; (2) tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm307.65 ossija €716.63 u; (3) tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ Lm307.65 ossija €716.63 bl-imghax legali mill-10 ta’ Settembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------